Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR JANETTA GRIXTI) V. PIERRE CASSAR (KI. 0163875M)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**24 ta’ Ġunju 2021**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Pierre Cassar, detentur tal-karta tal-identità numru 163875M imwieled il-Pietà u residenti Marsaxlokk (“l-Imputat” jew “id-Difiża”),

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Janetta Grixti,
- tal-*Parte Civile,* mill-Avukat Dr. Michael Sciriha, u
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Franco Debono

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat taħt arrest bis-segwenti imputazzjonijiet talli nhar it-2 ta’ April 2021 għall-ħabta ta` 15:30hrs, ġewwa Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk:

    1. Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' xi ħadd inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u cioe fuq PC476 Frankie Lee Mizzi waqt Ii kien qed jagħmel jew minħabba Ii kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-

ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz (Kap. 9, Art. 95);

2. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li tkun taġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita kompetenti (Kap. 9, Art. 96);

3. Għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC 476 Frankie Lee Mizzi kif ċertifikat minn Dr. Ian Gauchi (Med Reg 2486) (Kap. 9, Art. 221);

4. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor għad-dannu ta’ PC476 Frankie Lee Mizzi (Kap. 9, Art. 325(d));

5. Irrifjuta Ii jagħti lil uffiċjal pubbliku jew lil wiehed ieħor inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikularitajiet oħra (Kap. 9, Art. 338(g));

6. Mingħajr ma’ darab jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi oħra kontra n-nies (Kap. 9, Art. 339(b));

7. Volontarjament kiser il-bwon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Kap. 9, Art. 338(dd));

8. Ma obdiex ordnijiet leġittimi ta' wiehed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u ma ħalliehx u fixklu waqt li qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu (Kap. 9, Art. 338(ee));

9. Naqas li jilbes il-maskla fil-pubbliku ai termini ta' L.N 402/2020 (L.S. 465.48, Art. 2(1))

10. Sar reċidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9, Art. 49, 50).

2. Il-Qorti ġiet mitluba tipprovdi għall-protezzjoni u sigurtà ta’ PC 476 Frankie Lee Mizzi ai termini tal-Art. 412Ċ u 383 tal-Kap .9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. L-imputat tressaq taħt arrest fis-seduta tat-3 ta' April 2021 meta huwa wieġeb li ma' kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Sussegwentement fl-istess seduta huwa ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest taħt numru ta' kundizzjonijiet.

**Provi mressqa mill-Prosekuzzjoni**

4. Fit-13 ta' Mejju 2021 xehed il-*parte ċivile* **PC 476 Frankie Lee Mizzi** li spjega dak li kien ġara fid-data u l-ħin in kwistjoni:

*"Mela, jiena stazzjonat Marsaxlokk gewwa l- community policing team ta' hemmhekk. Waqt li kont qieghed gewwa ronda bhas- soltu gewwa Marsaxlokk innutajt li kien hemm persuna ragel li kemm- il darba wissejtu gewwa Marsaxlokk biex itella' l- maskla. Filwaqt li avvicinajtu biex nghidlu jtella' l- maskla huwa deher diga li kien qieghed differenti. Fis- sens deher li mhux qieghed normali fis- sakra jew mhux fi stat tajjeb. Jiena ghidtlu biex itella' l- maskla fejn huwa mal- ewwel qalli le. Qalli jiena qsamt it- triq. Ghidtlu iva imma kemm- il darba ghidtlek biex taqsam it- triq tellaghha l- maskla. Ghidtlu tkun qieghed bil- qeghda tixrob ghidtlu all right il- ligi thallik, tippermettielek. Ghidtlu imma izda int u taqsam waqt li inti mintix tixrob tella' l- maskla jekk joghgbok. Qalli jiena sejjer inbul u qalli anzi jiena ala bieb zobbi minnek. Qalli jiena sejjer inbul jekk trid ejja zommli gismi. Ghidtlu tkellem sew. Qalli le jien ghidtlek sejjer inbul, qalli jekk trid ejja zommli gismi. Ghidtlu ma jimpurtax kompli. Jiena cempilt lis- Surgent tieghi biex sa dak it- tant ghandi naqra cans biex nghajjat ghall- assistenza. U cempilt lis- Surgent tieghi u fhemtu fuq il- mowbajl. Ghidtlu Surgent dan hekk hekk u hekk gara u fhemtu kollox. Sadanittant huwa hareg, tqajt mill- mowbajl dahhaltu fil- but u ergajt ghidtlu Pierre, ghax jien kont nafu ismu, ghidtlu tini d- dettalji tieghek. U dak il- hin deher li ha jaghtini d- dettalji tieghu ha tieqaf hemmhekk. Qalli Pierre, kunjomu Cassar, qalli l- ID card number 0 bieb zobbi minnek u nizzel il- maskla. Dak il- hin ghamiltlu hekk b' idi ghidtlu tella' l- maskla. Qalli le u baqa' jersaq lejja beda javvicinani. Jiena peress li mill- akkademja mghallem biex dejjem inzomm id- distanza, t- tieni haga kien bla maskla jiena naf li jiena dejjem irrid inzomm id- distanza ghax dawk huma bhalissa min- naha tas- sahha qeghdin jghidulna u dejjem id- distanza. U barra minn hekk rajtlu li ghandu jdejh wara dahru aktar u aktar ma bdejtx nafdah. U bdejt nersaq lura. Ghal darba, tnejn, tlieta ersaqt lura...*

*... Jiena bdejt nghidlu ersaq lura. Baqa' jersaq lejja. Tellajt idi biex qed nurih, nghidu ieqaf. Bdejt nghidlu ieqaf ieqaf. U bdejt nersaq lura u baqa' javvicinani. Jiena kif rajtu baqa' jersaq lejja pruvajt inressqu izda baqa' gej lejja. Sadanittant rajt wahda mara*

*tahdem fil- pastizzerija ghaddiet minn warajh... Kif ghaddiet minn wara dahru rajtu dar huwa nhasad u kif qisha daret minn wara dahru huwa tgerfex u baqa' gej go fija u resaq lejja. Jiena kif beda huwa dahal ghal go fija ghamilt kif tghallimt l- akkademja biex innizlu mal- art bl- inqas forza necessarja u bdejt inzommu. Sadanittant sakemm qieghed inzommu mal- art huwa dar u gibidli l- maskla. X' hin gibidli l- maskla tajjarli n- nuccali u beda jipprova jobzoqli. Jiena dawwart wicci kemm jista' jkun halli ma jolqotnix ghax ifhem mhux haga sabiha li jobzoqlok xi hadd u huwa bezaq imma ma rnexxilux jolqotni ghax jiena rnexxili niskappa minnu. Sadanittant jiena kif nehhili l- maskla bdejt nghajjat ghax ftit 'il fuq rajt il- pulizija tad- distress u bdejt nghajtilhom u n- nies ingabru, daru n- nies. Ghidtilhom ghajtu lill- pulizija ghall- assistenza qeghdin hemm fuq. Imbaghad sadanittant sakemm qed nipprova nzommu mal- art u hekk gew il- pulizija jigru biex jassistuni."*

5. Meta ġie mistoqsi mill-Qorti x'effett ħalla fuqu dan l-inċident huwa wieġeb kif ġej:

   *"Jiena kelli girfa f' irkubtejja u daqqa fuq irkubtejja ... Ghandi c- certifikat hawnhekk iva. U kelli subajja bid- daqqa. Ghadu naqra jugghani nfatti."*

   Il-Prosekuzzjoni esebit ċertifikat mediku (Dok FM1[1]) maħruġ minn Dr. Ian Gauci li ċċertifika il-ġrieħi li sofra l-*parte ċivile* bħala "*ta' natura ħafifa sakemm ma' jkunx hemm komplikazzjonijiet".*

6. Meta mitlub mill-Qorti jispjega jekk sofriex xi danni, huwa wieġeb kif ġej:

   *"kissirli n- nuccali u ghandi l- istima ta' two hundred forty- one (241) euros."*

   F'dan ir-rigward il-*parte ċivile* esebixxa stima tat-tiswijiet fuq in-nuċċali in kwistjoni (Dok FM2[2]).

7. Meta ġie mistoqsi kemm il-darba huwa kien waqqaf u ġibed l-attenzjoni tal-imputat rigward l-użu tal-maskla, il-*parte ċivile* wieġeb hekk:

   *"Jiena peress li dejjem inkun qieghed fir- ronda Marsaxlokk huwa kien ikun bil- qeghda l- oppozitu tal- pastizzerija fuq ix- xatt, fuq il- prominad fuq siggu u kemm- il darba*

[1] Fol 37
[2] Fol 38

*nghidlu Pierre tellaghha l- maskla jkun qieghed bil- qeghda jitkellem man- nies ikunu qeghdin jitkellmu. Veru jkunu bid- distanza imma jkunu bla maskla xorta. U nghidlu tellaghha. Huwa biss fil- verita' jkun bla maskla. U gieli jtellaghha bla paroli u gieli jghidli u ejja. Nghidlu Pierre tellaghha mbaghad itellaghha. Jigifieri dan kemm- il darba wissejtu u fhemtu imma kemm- il darba nahseb ifhem drabi spiss ma nistax nghidlek numru ezatt. Li naf zgur li qabel dak inhar kont kellimtu darbtejn ohra wkoll filghodu...*

*... ghax dak inhar kont qieghed bis- Segway ghaddejt ghal Birzebbuga u ghaddejt minn max- xatt u kien bla maskla u ghidtlu Pierre l- maskla. Ergajt ghaddejt it- tieni darba kien ix- xatt ghidtlu l- maskla u tellaghha mbaghad filghaxija **t- tielet wahda f' xi tlieta u nofs (15:30) meta kien gara l- accident**. Gurnata qabel jew ix- shift ta' qabel kelli pulizijott mieghi iehor gdid kien qieghed mieghi gewwa Marsaxlokk u mar ikellmu huwa. Qallu Sir tellaghha naqra l- maskla jekk joghgbok. U wkoll ebda jigih bil- parole ma riedx itellaghha l- maskla. Imbaghad mort jiena u jew forsi ghax gharafni ghidtlu Pierre tellaghha l- maskla. Qalli u hawn ha nixrob naqra birra. Ghidtlu mela ixrob imbaghad ieqaf kif tixrob."*

8. In kontroeżami meta ġie mistoqsi jekk l-imputat kellux xi tazza bix-xorb f'idejh **<u>meta waqqfu l-ewwel darba</u>**, il-*parte ċivile* wieġeb li l-imputat kien bilqiegħda fuq siġġu u t-tazza tiegħu kienet mal-art maġenb sieq is-siġġu. Ikkarifika ukoll però illi **<u>fir-rigward tal-inċident speċifiku in kwistjoni:</u>**

*"dak il- hin la kellu tazza f' idu u lanqas ikel xejn. kien qed jaqsam it- triq, dahal gewwa u jiena rajtu jaqsam it- triq, mort kellimtu x' hin dahal gewwa...*

*Mela huwa dahal gol- pastizzerija, jiena kont kellimtu. Imbaghad huwa dahal fit- toilet qal li ha jmur jaghmel l- awrina. Jiena hrigt barra qed naghmel it- telefonata mas- Surgent tieghi. Sadanittant huwa, qisu xi tlett minuti wara, zewg minuti u nofs, ghax xi haga hekk kienet twila t- telefonata, huwa hareg minn gol- pastizzerija u hareg bil- mod. **<u>Hareg anke bil- maskla mtella' jigifieri fuq imniehru u jiena ghidt mela speci ha nirragunaw issa</u>**. **<u>Imbaghad rega' nizzel il- maskla biex jghidli li hu ala zobbu minni.</u>***

***...** Kellu jdejh wara dahru kif hareg mill- hanut. Hareg mill- hanut b' idu wara dahr mal- ewwel ... Ma kontx naf x' kellu imma jiena mghallem l- akkademja jekk xi hadd ghandu jdejh wara dahru jew mhux qed tara jdejh dejjem assume li ghandu xi haga f' idejh. Habba s- sigurta' taghna ... Jiena bqajt inzomm id- distanza.Peress li ismu nafu*

*ghidtlu Pierre tini d- dettalji tieghek. Qalli Pierre Cassar. Ghidtlu l- ID card number. Qalli 0 bieb zobbi minnek. Kif qalli hekk anke lehnu deher. Barra minn hekk kif qalli bieb zobbi minnek nizzel il- maskla mal- ewwel.*

9. Fl-istess seduta xehed **PS 961 Michael Zahra** li spjega x'kien l-involviment tiegħu fil-każ:

*"Mela, jiena dak inhar inzilt fuq il- post tal- incident fejn osservajt li kien hemm is- Sur Pierre Cassar, li qieghed naghraf hawnhekk, kien qieghed bil- qeghda fuq siggu u kien imdawwar bi tlett pulizija. Kien hemm is- Surgent James, fuq in- naha tax- xellug tieghu s- Surgent Christian u kien hemm Kuntistabbli iehor warajhom. Is- Sur Cassar beda jghid li Frankie tal- community policing biex niftehmu kien habat ghalih u li kien hemm il- filmat tal- Isphinx u jidher kollox. Jiena dhalt mas- Surgent James nara l- filmat u elivajtu minn fuq il- post u qieghed nipprezentah hawnhekk f' din il- Qorti."*

Ix-xhud esebixxa kopja tal-filmat fuq DVD-Rom (Dok MZ1[3]) u spjega li fil-filmat:

*"jidher Pierre hiereg minn gol- hanut b' tazza wara dahru. Baqa' l- hin kollu javvicini lil Frankie bit- tazza wara dahru, jersaq vicin tieghu u Frankie jressqu lura b' idu. Tidher is- Sinjura Tanti, li hija l- owner tal- Isphinx, tiehu t- tazza minn idejn Pierre u tibqa' diehla gol- hanut. Dak il- hin Pierre dahar lura jhares lejha. Rega' dar lejn Frankie. Ghaddew ftit sekondi ohra u jidher jahbat ghal Frankie u Frankie zammu u mbaghad nizzlu mal- art flimkien."*

10. L-aħħar xhud li ressqet il-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2021, **PS 1433 James Saliba** xehed kif ġej:

*"fit- 2 t' April ta' din is- sena ghall- habta tat- tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30) kont ghaddej ronda minn Xatt is- Sajjieda Marsaxlokk u waqaft inkellem persuna u hin minnhom hrigna mill- karozza, mill- vettura tas- servizz ipparkjajna u hrigna mill- karozza tas- servizz biex inkellmu persuna u hin minnhom bdiet tghajjat mara taghmlilna s- sinjal biex navvicinawha. U ghall- bidu tlaqna b' pass mghaggel lejn id- direzzjoni tal- mara u kif mexjin 'l hemmhekk nara florescent vest safra titgerbeb mal- art u tlaqna nigru jien u l- kollegi tieghi fuq il- post. Kif wasalt fuq il- post sibt lill- kollega tieghi Frankie Zammit (sic!) li kien qed izomm persuna mal- art. Il- persuna*

---

[3] Fol 47

*qed naghrfu bhala l- imputat. Kif wasalt fuq il- post ikkalmajt liz- zewg persuni u tlabt lill- pulizija biex jersaq minn fuqu ghax kien qed izommu mal- art. Jiena mort fuq il- pulizija u l- kollega tieghi mar fuq il- persuna l- ohra. Il- pulizija spjegali li kellu argument mal- persuna, mal- imputat, ghax kien qieghed bla maskla beda jkellmu njorah u dahal go hanut u qaghad jistennih barra. U spjegalna li kif hareg argumentaw, beda javvicinah biex jagredih u rrizulta li kellu jarrestah u jnizzlu mal- art biex jarrestah. Il- pulizija tlabtu biex jersaq minn fuq il- post li kien involut biex nevita l- kunflitt u tlabt lis- Sinjur biex jikkalma u jispjegali x' gara u hu beda jallega li l- pulizija sawtu, li ried jara l- footage ta' pastizzerija li kien hemm fejn gara l- post. Kellimt lill- persuna li kienet tahdem fil- pastizzerija u saqsejtha jekk hux possibli naraw il- kameras. Qaltli li ma tafx thaddimha. Ghidt lis- Sinjur biex jikkalma. Ghidtlu issa mhux problema, ghidtlu li gara ghidtlu ha naraw x' gara u m' ghandnix problema. Ghidtlu jiena m' ghandi xejn kontrih u hu m' ghandu xejn kontrija. Bdew javvicinaw in- nies jigifieri kien hemm naqra kommossjoni imma minn dak il- hin ikkalmat...*

*... Minn dak il- hin bdew jigi xi familjari tieghu u nies li jafuh jigifieri kien hemm naqra kommossjoni imma ma kien hemm xejn partikolari. Li bdejt nghidlu ghax hu beda jghid lill- pulizija npattihielek. Ghidtlu ismaghni dan qed jaghmel xoghlu ghidtlu kkalma issa hawn ahna u m' ghandikx inkwiet. Ghidtlu jekk gara xi haga ghidtlu ha naraw x' gara. Ghidtlu jiena qabel nara l- filmat m' ghandix fuq xiex nikkummenta. Ghidtlu jiena gejt, sibtkom fl- art, ghidtlu u li rajt jien mhu ha jmerih hadd. Kif rajt il- filmat irrizulta li kien kollox kif qal il- pulizija."*

Fuq dak li ra mill-filmat huwa qal *inter alia*:

*"Il- maskla kienet taht geddumu. U l- argument principali kien minhabba li kien bla maskla. Jigifieri dan x' hin hareg rega' baqa' bil- maskla mnizzla. Jigifieri dan mhux tghid isma' hareg, tellaghha u skuza ruhu. Jigifieri dan baqa' b' li beda"*

11. Fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2021, il-Qorti filwaqt li ċaħdet talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tesebixxi *stills* meħuda mill-filmat in kwistjoni, ordnat li l-filmat jiġi muri lill-partijiet kollha *seduta stante* dak il-ħin stess. Waqt li kien qiegħed jiġi muri dan il-filmat il-*parte ċivile* **PC 476 Frankie Lee Mizzi** kkonferma bil-ġurament tiegħu illi huwa l-uffiċjal tal-Pulizija li jidher wara żewġ minuti u tlett sekondi f'dan il- filmat. Ikkonferma ukoll illi l-filmat ma' jaqbadx il-mument meta ra lill-imputat dieħel fl-istabbiliment tal-ikel biex jaqdi l-bżonnijiet tiegħu mingħajr maskla iżda jaqbad dawk il-mumenti minn meta l-imputat ħareġ mill-istabbiliment sa' kemm seħħ l-inċident. Meta ġie mistoqsi mill-Qorti għal darb' oħra jekk l-inċident ħalliex xi impatt

fuqu imqar morali huwa wieġeb li dan mhux suppost għax qed jirkupra tajjeb iżda stqarr ukoll illi f'dan l-istadju l-Korp qed jassenjah ma' persuna oħra sabiex ikun iktar komdu f'xogħlu.

12. Fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2021 l-imputat iddikjara li m'għandux provi x'iressaq.

**Kunsiderazzjonijiet dwar ħtija**

13. Il-kompitu tal-Qorti f'din il-kawża huwa li tqis x'ġara nhar it-2 ta' April 2021 għall-ħabta ta` 15:30hrs, ġewwa Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk. M'huwiex rilevanti dak li ġara qabel u lanqas dak li ġara wara l-ħin imsemmi. Dan qed jingħad għaliex ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni, il-*parte ċivile* PC 476 Frankie Lee Mizzi, xehed f'ċertu dettal mhux biss fuq dak li seħħ bejnu u bejn l-imputat fil-ħin in kwistjoni iżda anke dak li seħħ bejniethom iktar kmieni filgħodu f'mill-inqas żewġ istanzi separati. Il-Qorti tista' tqis tali provi biex tifhem aħjar il-kuntest ta' dak li effettivament seħħ fil-ħin indikat fl-imputazzjonijiet iżda mhux biex tiddetermina l-ħtija *o meno* tal-imputat għal dawk l-imputazzjonijiet.

14. Il-Qorti kellha ċ-ċans tifli għal darba darbtejn tlieta l-filmat elevat mill-*camera* ta' CCTV li tinsab fuq barra tal-istabbiliment viċin sew ta' fejn seħħ l-inċident.[4] Dan għamlitu ukoll fil-presenza tal-partijiet *seduta stante*. F'dan ir-rigward il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tal-Prosekuzzjoni li fis-sena 2021 m'għadhiex daqstant faċli għall-Qorti (u lanqas għall-pubbliku in ġenerali) li taċċedi għal filmat fuq DVD jew CD u li l-Pulizija forsi tista' taġġorna ftit iżjed maż-żminijiet billi tuża mezzi iżjed moderni bħal *USB sticks* jew *SD cards*.

15. Skond PC 476 Frankie Lee Mizzi dakinhar aktar qabel huwa kien diġà waqqaf lill-imputat f'żewġ okkażjonijiet separati sabiex jgħidlu jilbes il-maskla fil-pubbliku in osservanza tal-L.S. 465.48 (Regolamenti dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew Tad-Drapp). Anke lejlet li seħħ l-inċident, pulizija ieħor li kien qed jakkumpanja lill-*parte ċivile* kellu jwiddeb lill-imputat sabiex jilbes il-maskla. Fil-ħin tal-inċident, jew aħjar ftit ħin qabel, huwa ra lill-imputat jaqsam it-triq bla ma' kellu l-maskla. Dak il-ħin ma' kienx qed jiekol u lanqas jixrob. PC 476 qal illi l-imputat baqa' dieħel ġewwa stabbiliment tal-ikel sabiex jaqdi l-bżonnijiet tiegħu u f'das-sens għadda xi kliem vulgari fid-direzzjoni tiegħu. F'dan il-ħin PC 476 jgħid li ċempel lis-Surġent ta' fuqu għall-assistenza u dan waqt li l-imputat kien qiegħed jaqdi l-bżonnijiet tiegħu.

[4] Dok MZ1 fol 47

Il-filmat juri ċirca żewġ minuti fejn PC 476 kien barra l-istabbiliment jitħaddet ma' xi ħadd fuq il-telefon ċellulari tiegħu. F'ħin minnhom joħroġ l-imputat **bil-maskla fuq imnieħru u geddumu** u dan mar direttament lejn PC 476. L-imputat beda jżomm tazza f'idu l-leminija wara dahru. Fix-xhieda tiegħu PC 476 jgħid illi huwa ma' kienx qed jafdah għax ma' kienx jaf x'kellu wara dahru. F'dan il-mument PC 476 talbu d-dettalji tal-karta tal-identita' tiegħu u l-imputat beda taparsi itih numru u kompla billi qallu *"bieb żobbi minnek*" qabel ma' niżżel il-maskla u avviċina lil PC 476. Fil-filmat jidher li f'dal-ħin l-imputat kien xi ftit jew wisq aġitat u filwaqt li beda jappunta subajh lejn il-Pulizija huwa beda bil-mod il-mod jersaq aktar viċin lejh. L-imputat jidher jinġibed lura xi ftit filwaqt li PC 476 beda jwiddbu b'subajh ippuntat fid-direzzjoni tal-imputat. L-imputat niżżel il-maskla. Wara li impjegata tal-istabbiliment ħadet it-tazza minn idejn l-imputat, dan beda javviċina lil PC 476 sakemm ġie kważi f'wiċċu filwaqt li dan uża idu sabiex jimbuttah 'l quddiem. Minn dan il-punt 'il quddiem it-tnejn spiċċaw fl-idejn u PC 476 jidher jagħmel manuvra sabiex jisforza lill-imputat mal-art b'idejh wara dahru. L-imputat joffri ftit reżistenza iżda f'qasir żmien PC 476 jidher jmidd lill-imputat u wara li uża ftit forza sabiex jżommlu rasu l-isfel ġew l-uffiċjali tal-Pulizija sabiex jikkontrollaw is-sitwazzjoni. Fil-frakass li nqala' jidher jispiċċa mal-art in-nuċċali ta' PC 476.

16. Il-Qorti filwaqt li tikkundanna bla riservi l-aġir tal-imputat li jisfida lil awtorità pubblika fil-qadi ta' dmirijietha, fl-istess ħin tkun qed tonqos jekk ma' tirrimarkax illi b'daqsxejn iżjed diliġenza u forsi esperjenza min-naħa tal-uffiċjal tal-Pulizija dan l-inċident seta' ġie evitat. Jekk l-imputat għal darba darbtejn tlieta matul il-ġurnata baqa' jisfida u insista li ma' jilbisx il-maskla fil-pubbliku, l-uffiċjal tal-Pulizija kellu jwaqqfu mmedjatament, jeħodlu d-dettalji tiegħu u joħroġlu ċ-ċitazzjoni appożita mingħajr ħafna storbju. Meta imbagħad viċin it-tlieta u nofs ta' waranofsinhar meta l-imputat għal darb' oħra allegatament kien qiegħed bla maskla, dan reġa' ma' twaqqafx kif imiss u tħalla jidħol l-istabbiliment tal-ikel sabiex jaqdi l-bżonnijiet tiegħu, l-uffiċjal in kwistjoni naqas minn dmirijietu u wera ċertu dgħufija li wasslet sabiex huwa stess jibda jaġita ruħu tant illi dan kellu jirrikorri biex iċempel lis-surġent ta' fuqu għall-għajnuna. Dan l-istat ta' aġitazzjoni wassal sabiex meta l-imputat eventwalment ħareġ lura mill-istabbiliment (minn fejn hawnhekk jibda l-filmat li ġie esebit fil-kawża) ir-raġuni sia minn naħa u sia minn oħra malajr għebet b'konsegwenzi li nqala frakass bla bżonn.

17. Madanakollu l-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ressqet biżżejjed provi sabiex tissussisti l-ħtija tal-imputat taħt l-ewwel (oltraġġ), it-tieni, it-tielet, ir-raba, il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjoni.

18. Fir-rigward tad-disa' imputazzjoni (l-użu tal-maskla fil-pubbliku) l-Qorti tinnota illi fil-filmat l-imputat jidher li liebes din il-maskla sa' ftit sekondi qabel ma' niżżilha sabiex jikkonfronta lil PC 476. Dan imur kontra dak li xehed PS 1433 James Saliba li nsista li l-imputat ħareġ lura mill-istabbiliment bil-maskla mniżżla. Il-Qorti ma' tarax li l-ftit sekondi li l-imputat niżżel il-maskla qabel ma' beda l-inċident in kwistjoni huma biżżejjed sabiex jirrafigura dan ir-reat u għalhekk din l-imputazzjoni ma' tirriżultax.

19. Finalment fir-rigward tal-għaxar imputazzjoni din ukoll ma' tirriżultax stante illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi kif imiss dwar il-kundanna jew kundanni preċedenti tal-imputat (permezz tal-esebizzjoni ta' vera kopja tas-sentenza/i in kwistjoni u tal-prova dwar il-konnotati) iżda straħet biss fuq il-fedina penali tiegħu, li kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna, jiswa biss bħala għodda sabiex tiġi kalibrata l-piena, u mhux għal prova dwar ir-reċidiva.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

20. Bħala piena l-Qorti rat li għalkemm il-fedina penali tal-imputat altru milli hija waħda netta, fl-istess ħin jidher illi għal dawn l-aħħar għaxar snin l-imputat qabad it-triq tas-sewwa u ma' xellifx duffrejh mal-liġi ħlief fil-każ *de quo.* Ikkunsidrat ukoll is-suġġeriment tal-*parte civile* magħmula fl-istadju tat-trattazzjoni illi filwaqt li tinħareġ ordni ta' protezzjoni a favur tiegħu, l-imputat jingħata *conditional discharge*.

21. Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkustanzi tal-każ hija tista' tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 22(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u sejra tagħmel dan bit-tama li l-imputat jagħraf illi issa qiegħed fil-*last chance saloon* u li l-Pulizija bħal kull awtorita' pubblika oħra qegħda hemm biex jobdiha u jirrispettaha u mhux biex jisfidaha.

**Deċiżjoni**

22. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi:**

    1. **Tillibera lill-imputat mid-disa' u għaxar imputazzjoni peress li ma' jirriżultawx,**

    2. **Issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni (Kap. 9, Art. 95), tat-tieni imputazzjoni (Kap. 9, Art. 96), tat-tielet imputazzjoni (Kap. 9, Art. 221), tar-raba' imputazzjoni (Kap. 9, Art. 325(d)), tal-ħames imputazzjoni**

**(Kap. 9, Art. 338(g)), tas-sitt imputazzjoni (Kap. 9, Art. 339(b)), tas-seba' imputazzjoni (Kap. 9, Art. 338(dd)) u tat-tmien imputazzjoni (Kap. 9, Art. 338(ee)) iżda bl-applikazzjoni tal-Art. 22(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta minflok tinfliġġi piena qegħda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmel l-ebda reat matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum. Il-Qorti qabel ma' tat din l-ordni fissret bi kliem li jiftiehem sew lill-ħati l-konsegwenzi jekk iwettaq xi reat ieħor matul il-perjodu in kwistjoni,**

3. **Tordna lill-ħati sabiex ai termini tal-Art. 15A(1) jikkumpensa lill-*parte civile* PC 476 Frankie Lee Mizzi għad-danni li sofra fin-nuċċali tiegħu[5] billi jħallsu s-somma ta' mitejn wieħed u erbgħin euro (€ 241) fi żmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza tgħaddi *in ġudikat*. Din l-ordni tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili,**

4. **Toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Art. 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-ħati Pierre Cassar a favur PC 476 Frankie Lee Mizzi għall-perjodu ta' ħames (5) snin mil-lum taħt il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness. Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk huwa jikser xi waħda mil-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

[5] Dok FM2 fol 38